MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' April, 2009

Numru 894/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Therese Sciberras)**
**vs**

**PAUL CAMILLERI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Paul Camilleri ta 57 sena mwieled 02/11/1950 Pieta iben Joseph u Tereza nee Schembri u residenti no 133 Seaview Flats no 1 Triq Sir Luigi Preziosi St Paul’s Bay detentur tal-karta ta l-identita numru 882450M.

Billi gie akkuzat talli, f’dawn il-gzejjer, fil 17 ta Awissu 2008 u fil- jiem ta qabel gewwa diversi lokalitajiet f’dawn il-Gzejjer ghamel falsifikazzjoni jew xjentemet ghamel uzu minn xi dokumet iehor iffalisifikat u cioe licenzja tal-vettura numru KAQ 534 tal- ghamla Fiat Uno Maroon.

U aktar talli fl’ istess jum, hin, lok u cirkostanzi ghamel uzu minn vettura numru KAQ 534 tal-ghamla Fiat Uno meta l-istess vettura ma kientx licenzjata ghas- sena kurrenti.

U aktar talli fl’istess jum, hin, lok u cirkostanzi sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalieh innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz billi wahhal sett ta’ pjanci tar-registrazzjoni foloz bin-numru LAJ 909 fuq vettura tal-marka Fiat Uno bin-numru originali KAQ 534, ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kap. 9. tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tiskwalifika minn kull licenzja tas-sewqan lil Paul Camilleri ghall perjodu li l’Onorabli Qorti jidrilha xieraq.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok TS1 u nnutat li l-imputat Paul Camilleri m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat ukoll li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kotnra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat ir-Regolamenti 14 u 51(5), (6) u (7)(a) tal-Avviz Legali 476/2004, l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65 u l-artikoli 17 u 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Paul Camilleri, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija tillibera lill-imputat Paul Camilleri taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-imputat Paul Camilleri ghall-piena ta’ hames mija u tletin Euro (Euro 530) multa.

Inoltre, il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 15(3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiskwalifika lill-imputat Paul Camilleri milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien hmistax (15) il-gurnata millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Paul Camilleri l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------